MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 2227/2003

**Emanuel Dimech**

**Vs**

**Mahmoud Awwada**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta Novembru 2003 fejn l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat jhallsu s-somma ta' erba` mija u tnax-il Lira Maltin (Lm412) rapprezentanti danni sofferti mill-attur f'incident stradali li sehh fid-19 ta Dicembru 2002 gewwa B'kara fejn il-konvenut waqt li kien qed isuq it-truck numru KCY 890 b'negligenza baqa' diehel fil-vettura wieqfa tal-attur numru RYN 185.
Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-9 ta Frar 2004 fejn ikkontesta it-talba attrici stante li l-incident sehh unikament bi htija tal-attur u b'hekk m'hemmx danni x'jigu likwidati u fi kwalunkwe kaz tali danni ghandhom jigu pprovati. B'riserva li jitresqu eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes kotra l-attur.

Ra l-provi mressqa u d-dokumenti esebiti partikolarment ir-ritratti mehuda.

Semgha t-trattazzjoni tal-konsulent legali tal-konvenut.

Ikkunsidra;
PS 586 Joseph Brincat li kkonferma r-rapport u skizz imhejji minnu jirrapporta l-verzjonijiet tal-partijiet rispettivi billi jnizzel li l-konvenut ntlaqat fin-naha ta wara tal-vettura tieghu mill-bieba ta l-attur meta dan ta l-ahhar qabad u fetahha filwaqt li l-attur ighid li l-bieba ta' wara kienet gia miftuha peress li kien qed idahhal it-tifel tieghu fil-vettura meta waslet il-bus tal-konvenut fuq ix-xena u hu u jdur qabad il-bieba tieghu bil-parti ta wara tax-xarabank.
Fix-xhieda tieghu bil-gurament, l-attur jikkonferma l-verzjoni tieghu li ta lill-pulizija. Ta min jinnota li lit-tifel huwa jghid li kien qed irikkbu minn naha tax-xufier u kwindi fil-kaz in ezami minn fuq in-naha ta barra, cioe minn-naha tat-triq. F'hin minnhom ra x-xarabank tal-konvenut gejja b'velocita qawwija u ghalhekk dahhal jigri lit-tifel u huwa ssikka mal-vettura tieghu u meta x-xarabank daret qabdet il-bieba tieghu li kienet ghadha miftuha. L-istess attur jikonferma li l-ewwel kliem li qallu l-konvenut kienu fis-sens "Hekk tiftaha l-bieba int?!" Inoltre in kontro-ezami, l-attur ighid li huwa kien ipparkeggjat in parti fuq id-double yellow line u kif ukoll fit-tarf tat-trieq pero mhux fil-kantuniera.
Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut jikkonferma l-verzjoni li huwa ta lill-pulizija dak in-nhar ta l-incident in kwistjoni. Jissokta jghid li ma kienx hemm ostakoli fit-trieq biex jilwi pero' f'hin minnhom meta kien qed jikser hass ix-xarabank qisha ticcaqlaq, waqaf u meta hares mill-mera ra bieba ta vettura mqabbda vicin ir-rota ta wara. Jikkonferma wkoll li l-vettura tal-attur kienet wieqfa fuq id-double yellow line fil-

kantuniera. Il-bieba tal-vettura twahlet b’tali mod li kellu jirriversja biex jinqala minn maghha.

Illi mill-provi prodotti It-Tribunal huwa propens li jemmen aktar il-verzjoni moghtija mill-konvenut milli dik ta l-attur u kwindi jitfa l-htija tal-incident in kwistjoni fuq l-istess attur ghal diversi ragunijiet fosthom is-segwenti:-

a) Ma hux kredibbli l-attur meta ighid li x-xarabank kienet gejja b’velocita qawwija. Din ix-xarabank kienet ser tigbor it-tfal ta l-iskola f’hin meta spiccat l-iskola u kwindi jkun hemm hafna tfal u vetturi pparkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-trieq;
b) Illi jekk kien minnu li dahhal it-tifel jigri ghax ra x-xarabank gejja, ma jaghmilx sens allura li halla l-bieba ta wara miftuha berah;
c) Mir-ritratti esebiti jidher li l-attur kien ipparkeggjat hazin u cioe fuq id-double yellow line u kif ukoll fil-kantuniera;
d) Illi li kieku l-bieba kienet gia miftuha hi u ghaddejja x-xarabank, din kienet fil-pront titqaccat minn postha u mhux tibqa mwahhla man-naha ta wara tax-xarabank.
e) Illi li kieku l-bieba tal-vettura kienet gia miftuha hi u ghaddejja x-xarabank, il-konvenut x’aktarx kien jieqaf ipaqpaqlu biex jaghlaqha peress illi l-ispazju biex ighaddi biha miftuha kien ikun ristrett ferm bil-vetturi ipparkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-trieq;
f) Huwa sinifikanti wkoll il-fatt kif sehh l-impatt u cioe man-naha ta wara tax-xarabank hi u tilwi;
g) Illi ma kien hemm ebda raguni il-ghala l-attur halla l-bieba ta wara miftuha jekk it-tifel kien gia gewwa; b’hekk holoq ostakolu ghal free flow tat-traffiku f’dik it-trieq partikolarment meta tqis il-fatt li l-vetturi kienu parkeggjati fuq iz-zewg nahat.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l- eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jichad it-talbiet attrici u kwindi jiddikjara li l-attur kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni li sehh minnhabba traskuragni tieghu bl-ispejjes ta dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------